# Kampjonat 1956-57

# Sliema W. jegħlbu lil Floriana u jaqbżuhom f'ras il-klassifika

**Is-Seba' Ġurnata**

**12-01-1957:**
**Ħamrun Sp. FC – Marsa FC 1-1**
**H.T 1-1**
**Ref: R.S.M Carmel Galea (R.M.A)**
**Skorjaw: Ġ. Buttigieg (Ħ) 15' u Ġ. Dimech (M) 86'.**
**Att: 2,163**

*Ħamrun Sp. FC*: Ġużi 'Yumi' Bonnici, Freddie Falzon, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, Effie Borg, Carmelo 'In-Nene' Grech, Armando Drago, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, George Jones, Ġużi 'Iz-Zizell' Psaila, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri, Franġisku Formosa.

*Marsa FC*: Salvu Alamango, Nenu Fabri, Ernie Glynn, Ġużi 'Ta' Pranza' Attard, Frans Borg, Leli Borg Bonaci, Neriku Buttigieg, Willie Bowerman, Ġużi 'Ir-Rumba' Dimech, Vidal, Fredu 'Steak' Abela.



Pullu Demanuele fl-azzjoni għal Floriana

1. Ħamrun Spartans ipprotestaw fuq il-kontroll tar-referee Galea wara li, fis-26 minuta, ġie mħassar it-tieni goal tagħhom skorjat għal darb'oħra minn Ġużi Buttigieg għal foul ta' Ġużi Psaila fuq il-goalkeeper Salvu Alamango. L-Ispartans sostnew li l-foul seħħ meta l-ballun kien diġà daħal fix-xibka. Fil-fatt, ir-referee kien diġà kkonvalida l-goal iżda ddeċieda li jħassru wara li l-linesman deher ixejjer il-bandiera u mar jikkonsulta miegħu. Il-protest tal-Ispartans kien waqa' wara li r-rappreżentanti tal-Ispartans naqsu li jidhru quddiem il-Kunsill tal-MFA fit-12 ta'April, 1957, sabiex iressqu l-każ tagħhom.

**13-01-1957:**
**Birkirkara FC – Hibernians FC 2-0**
**H.T 1-0**
**Ref: Major Alex Upfold (REME)**
**Skurjaw: F. Bonnici (B) 14' u 77'.**
**Att: 1,779**

*Birkirkara FC*: Lolly Rizzo, Frans Cassar, Johnnie Gatt, George Dalli, Louis 'Ir-Russu' Gauci, Lino Lanzon, Frans 'Il-Lula' Bonnici, Stephen Samut Tagliaferro, Leli 'Il-Likku' Saliba, Ġużi 'Il-Gross' Pisani, Pawlu 'Polly' Carbonaro.

*Hibernians FC*: Micallef, Colin Tabone, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Maurice Vella Borg, Louis Theobald, Sunny Anastasi, Joe 'Puskas' Muscat, Fredu Church, Leli Spiteri, Leli Sultana, Ġużi 'Il-Felli' Ciantar.

1. Wara sena, l-Armata neħħiet il-projbizzjoni fuq ir-referees tagħha wara li ma kinetx ħalliethom jikkontrollaw aktar logħob tal-kampjonat Malti minħabba l-inkwiet li kien inqala' fil-partita Sliema Wanderers v Rabat FC, tat-28 ta' Jannar, 1956, ikkontrollata mir-referee Sam Baldwin.

2. Leli Saliba 'Il-Likku' irritorna fit-team ta' Birkirkara wara li rranġa d-differenzi li kellu mal-klabb. Huwa kien ilu nieqes mid-draw ta' 2-2 kontra Marsa, tal-1 ta' Novembru, 1956.

3. Għal Hibernians lagħab il-plejer Colin Tabone minkejja li kien dubjuż. Fil-fatt id-difensur Pawlista deher izappap sa mill-bidu tal-partita.

4. Birkirkara kisbu l-ewwel rebħa fil-kampjonat meta wara sitt partiti kienu ħadu tliet telfiet u tliet draws filwaqt li Hibernians issa ilhom erba' logħbiet mingħajr ma jsibu x-xibka.

5. Il-partita intlagħbet fi ground mimli tajn u għadajjar tal-ilma minħabba x-xita li niżlet qabel u matul l-ewwel taqsima.

6. Lejn it-tmiem inqala' l-inkwiet bejn diversi plejers wara daħla goffa tal-plejer Ġużi Ciantar fuq il-goalkeeper Lolly Rizzo fejn diversi plejers ta' Birkirkara dehru jiġru wara Ciantar.

**19-01-1957:**
**Sliema Wdrs. FC – Floriana FC 2-0**
**H.T 1-0**
**Ref: R.S.M Carmel Galea (R.M.A)**
**Skurjaw: T. Nicholl (S) 8' u S. Nicholl (S) 76'.**
**Att: 13,786**

*Sliema Wdrs. FC*: Victor Scerri, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Ninu Calleja, Salvu Bonnici, Alex Gollcher, Tony Nicholl, Salvinu Schembri, Joe 'Jockey' Xuereb, Sammy Nicholl, Charlie Mattocks.

*Floriana FC*: Ġużi Alamango, Lolly Debattista, Roy Swift, Joe Cini, John Delia, Freddie Vella James, Żarenu Alamango, Lolly Borg, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Charlie 'In-Najsu' Bennetti, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

1. L-attakkant żagħżugħ ta' Floriana Tony Cauchi kważi tilef din il-partita meta nstab li kien lagħab f'partita ta' ħbiberija ma' team tal-MAFA. Tony Cauchi talab għal maħfra fejn il-Kunsill tal-MFA sema' il-każ tiegħu jumejn qabel

minn Tonio Farrugia



Alfie Pearson (Rabat FC) jikklerja minn żewġ plejers ta' Sliema W.

din il-partita. Il-plejer weħel ħames xelini u ġie mwissi iżda kien liberu biex ikompli jilgħab fil-kampjonat tal-MFA.

2. Għal Sliema Wanderers irritorna l-plejer Charlie Mattocks li kien ilu nieqes mill-aħħar partita tal-istaġun ta' qabel.

3. Eżatt qabel din il-partita ntlagħab il-konfront mill-kampjonat tar-Reserves bejn l-istess żewġ timijiet fejn inqala' ġlied kbir bejn il-plejers. B'konsegwenza ta' dan il-ġlied Tony Dalli ta' Floriana ġie sospiż sa tmiem l-istaġun filwaqt li ħuh Billy Dalli u Maurice Walsh ta' Sliema Wanderers ġew sospiżi tliet partiti kull wieħed.

**20-01-1957:**
**Valletta FC – Rabat FC 2-0**
**H.T 0-0**
**Ref: Major Alex Upfold (REME)**
**Skurjaw: o.g R. Spiteri (V) 53' u F. Zammit (V) 61'**
**Att: 3,436**

*Valletta FC*: Bertu 'Tas-Sorry' Zarb Cousin, Walter Bone, Edwin 'Dwinu' Schembri, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Joe Cilia, Karm Borg, Sunny Curmi, Josie Urpani, Silvio Rapinett, Frankie Zammit, Alfred 'Il-Waniż' Borg.

*Rabat FC*: Anthony Micallef, John Calleja, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, Karmenu Xerri, Joe 'Il-Wirxu' Aquilina, Anthony 'Il-Legdi' Azzopardi, Twanny 'Tal-Manager' Vassallo, Johnnie 'Iz-Zikizokk' Azzopardi, Pawlu 'Il-Fulier' Said, Charlie Theuma, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo.

1. Għal Valletta irritorna Silvio Rapinett wara nuqqas ta' xahrejn filwaqt li Karmenu Xerri ta' Rabat ukoll kien qed jirritorna wara żmien twil nieqes meta l-aħħar li lagħab għal Rabat kien fl-aħħar partita tal-kampjonat ta' qabel.

2. Joe Cilia ta' Valletta kien qed jilgħab għall-ewwel darba kontra l-ex team tiegħu Rabat FC fejn il-partitarji Rabtin bdew jibbuwjawh kull darba li kellu l-ballun f'saqajh.

3. Wara l-mistrieħ Valletta lagħbu b'għaxar plejers għal għaxar minuti wara li weġġa' Walter Bone u kellu joħroġ jiddewwa.

**Klassifika:** Sliema Wdrs. FC 12-il pt.; Floriana FC 11-il pt.; Valletta FC 9 pti.; Ħamrun Sp. FC 7 pti.; Birkirkara FC 5 pti.; Rabat FC 4 pti.; Hibernians FC u Marsa FC 3 pti.
(Sliema Wdrs. FC u Marsa FC lagħbu partita inqas).

**L-Aqwa Skorers:** T. Cauchi (Floriana FC) 7 goals; S. Nicholl u T. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) u N. Mackay (Valletta FC) 4.

# Aħbarijiet...

*Fil-5 ta' Jannar, 1957, tħabbar li Floriana kienu ttrasferew lill-half back tagħhom Joe Bugeja lil Zejtun Corinthians għal £35. Joe Bugeja li kellu wkoll esperjenza bħala coach kien ser jgħin ukoll lill-klabb il-ġdid tiegħu f'dan is-settur.*

*Minkejja li l-goalkeeper Victor Xerri kien għadu ma sofriex goal f'dan l-istaġun fil-logħob tal-Kampjonat, tal-Cassar Cup u fil-Final tax-Scicluna Cup, Sliema Wanderers xorta kienu baqgħu jfittxu goalkeeper ieħor wara t-tluq ta' Ray Cosby lejn l-Ingilterra. Fil-fatt wara li fallew it-tentattivi għall-goalkeeper Godwin Cassar mingħand Vittoriosa Stars, huma ħabbru li kienu akkwistaw lill-goalkeeper Willie Templeman mingħand Birkirkara għas-somma ta' £140. Fit-13 ta' Jannar, 1957, Templeman kien lagħab mal-Wanderers fi friendly kontra REME f'St. Andrew's fejn il-Wanderers kienu rebħu 4-0.*

*Fit-23 ta' Jannar, 1957, bdew jidhru l-ewwel aħbarijiet fuq il-ġurnali fuq l-ewwel partita tat-team nazzjonali Malti kontra l-Awstrija. F'dan l-istadju bikri tal-aħbar kien qed jingħad li l-Awtrijaċi kienu ser jiġu Malta bit-team B, minħabba li dawn kienu ser ikunu fi triqthom lejn Munich fejn fis-6 ta' Marzu kellhom jilagħbu kontra l-Ġermanja B. Il-problema tal-MFA kienet l-ispiża li kienet tinvolvi din iż-żjara fejn din kienet ser tlaħħaq is-somma ta' £2,000.*

*Kien hemm il-ħsieb li l-entratura togħla għal bejn ħames u seba' xelini iżda kien hemm ukoll il-biżgħa li b'dawk il-prezzijiet il-pubbliku ma jattendix għal-logħba tat-team B. Kien biss fit-8 ta' Frar li kien tħabbar li l-Awstrija kienu ġejjin Malta bl-aħjar formazzjoni tagħhom.*